

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2008/2062(INI)

1.7.2008

OPINJONI

tal-kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni soċjali li tirrigwarda t-trasport tat-triq
(2008/2062(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helmuth Markov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi uħud mill-Istati Membri m'għaddewx l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet ta' spezzjoni u implimentazzjoni, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985, tul il-perjodu 2003-2004 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċertu leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport tat-triq¹, u għaldaqstant ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fiż-żmien imsemmi (COM(2007)0622) ġie ppreżentat sena u nofs tard,
- B. billi r-rapport li jmiss ta' kull sentejn għall-ewwel darba għandu jinkludi, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq²,
- C. billi ħames Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Awstrija) żiedu n-numru ta' ġranet tax-xogħol ikkontrollati fl-2003-2004, filwaqt li n-numru ta' ġranet ikkontrollati fl-Istati Membri l-oħra naqsu, bil-Portugal u l-Iżvezja jibqgħu taħt il-minimu preskritt,
- D. billi l-medja ta' l-ammont ta' kontravenzjonijiet li ġew innutati baqgħet stabbli, għalkemm in-numru totali ta' vjolazzjonijiet rapportati f'uħud mill-Istati Membri tela' b'mod konsiderevoli, b'żieda fil-ksur ta' regoli dwar il-waqfien u l-perjodi ta' mistrieħ filwaqt li dawk dwar il-tul tas-sewqan naqsu,
 1. Jiddispaċih li għad hemm differenzi konsiderevoli kontinwi fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85; jinnota li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex jiggwarantixxu implimentazzjoni effiċjenti u uniformi tad-dispożizzjonijiet soċjali mtejba;
 2. Huwa mħasseb dwar il-medja għolja ta' l-ammont kostanti ta' vjolazzjonijiet, b'mod partikolari fit-trasport tal-passiġġieri, u jistenna li l-Istati Membri jtejbu l-infurzar tar-regoli; jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu inizjattivi konġunti sabiex jinkoraġġixxu skambju ta' informazzjoni u staff, flimkien ma' kontrolli kkordinati;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-proċeduri ta' spezzjoni tat-traffiku f'kull Stat Membru u tgħaddi rapport dwarhom lill-Parlament; jekk jinstabu proċeduri ta' spezzjoni li jirringu l-moviment ta' oġġetti jew ta' persuni, jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti u tipproponi emendi, sabiex tiżgura proċeduri uniformi ta' spezzjoni tat-traffiku;
 4. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jissottomettu l-informazzjoni, u r-rapporti ta' implimentazzjoni bbażati fuq din l-informazzjoni, b'aktar ħeffa, sabiex kull korrezzjoni legali neċessarja li toħroġ mill-analiżi ta' l-implimentazzjoni tkun tista' tiġi indirizzata mingħajr aktar dewmien;

5. Jikkunsidra li dawn il-figuri għal darb'oħra jikkonfermaw il-fehma tiegħu li hemm ħtieġa urġenti għal aġġustamenti legali; huwa kunfidenti, għaldaqstant, fid-dawl tad-Direttiva 2006/22/KE¹, li daħlet fis-seħħ f'Mejju 2006 u r-Regolament (KE) Nru 561/2006², li daħal fis-seħħ f'April 2007, li r-regoli se jiġu nfurzati b'mod aktar strett u uniformi fil-ġejjieni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni, skond il-proċedura komitoloġika stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 561/2006, sabiex tipproponi linji gwida għal definizzjoni u klassifikazzjoni uniformi ta' infrazzjonijiet sa Ottubru 2008;
7. Jikkritika d-dewmien fl-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 2002/15/KE, li kellha tiġi transposta f'liġi nazzjonali sat-23 ta' Marzu 2005; jitlob biex l-eżenzjoni temporanja għall-persuni li jaħdmu għal rashom tiġi abolita mill-2009 kif ġie pplanat u biex l-ammont massimu ta' sigħat ta' xogħol f'perjodu ta' ġimgħatejn jiġi ffixsat għal 100;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw investiment xieraq għall-iżvilupp infrastrutturali tat-trasport tat-triq; f'dan il-kuntest, il-bini ta' faċilitajiet ta' pparkjar mingħajr periklu għandu jkun ta' prijorità;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi r-rekwiżiti amministrattivi fir-rigward ta' effiċjenza u simplifikazzjoni;
10. Jistieden lill-Kummissjoni, biex b'mod ġenerali, tiegħu miżuri li jiżguraw l-infurzar u l-monitoraġġ;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	24.6.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 39 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Inés Ayala Sender, Etelka Barsi-Pataky, Paolo Costa, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Arūnas Degutis, Christine De Veyrac, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Robert Evans, Francesco Ferrari, Brigitte Fouré, Mathieu Grosch, Georg Jarzembowski, Timothy Kirkhope, Dieter-Lebrecht Koch, Jaromír Kohlíček, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Seán Ó Neachtain, Josu Ortuondo Larrea, Paweł Bartłomiej Piskorski, Reinhard Rack, Brian Simpson, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Țicău, Yannick Vaugrenard
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Margrete Auken, Philip Bradbourn, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Maria Eleni Koppa, Helmuth Markov, Rosa Miguélez Ramos, Vural Öger, Marie Panayotopoulos-Cassiotou
Sostitut(i) (skond ir-Regola 178 (2)) preżenti għall-vot finali	Ioannis Gklavakis, Helmut Kuhne, Maria Petre, Eoin Ryan